IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 45-2018(23_01_18)**

**23 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

**45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

45.1.1 Is-Sinjura Carmen Said - Sindku kienet skużata minħabba li kienet marida.

Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva *sms* mingħand is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier fejn talbet li tkun skużata minħabba li ma tiflaħx.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 41-2017(27_12_17), 42-2018(04_01_18), 43-2018(04_01_18) u 44-2018(11_01_18) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Viċi Sindku talab sospenzjoni tal-laqgħa sabiex żewġ membri mill-pubbliku jkunu jistgħu jitkellmu dwar triq ġdida fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi.

**45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

45.3.1 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li hu u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit Robert Grech sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt u saret *site inspection* dwar dik il-bankina li hija għolja fi Triq Ras il-Bajjada. Huwa ssuġġerixxa li l-bankina ma tintmessx u togħla t-triq. Huwa stima dan ix-xogħol għal €1,500. Ġie deċiż li l-Kunsill jiġbor tliet kwotazzjonijiet wara li joħorġu l-ispeċifikazzjonijiet tax-xogħol.
Saret *site inspection* fi Triq Żgħawri peress li fil-Laqgħa tal-Lokalità saret talba sabiex issir *bus shelter*. Skont il-perit, ma hemmx wisa' biżżejjed sabiex issir *bus shelter* hemm.
Saret *site inspection* fi Triq iż-Żirżieb u ġie deċiż li l-perit ser jipprovdi *site plans* tal-*area* li trid tiġi asfaltata u b'hekk issir talba lill-Ministeru għal Għawdex.
Il-perit qabel li fi Triq il-Munxar isiru *double yellow lines*. Il-Kunsill talab approvazzjoni minn Transport Malta u dawn diġà saru.
Saru sinjali *loading/unloading* fi Pjazza l-Anfori u nbnew il-kantuni li kienu nieqsa minn ċint fi Triq Ras il-Bajjada.
Saret spezzjoni mill-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Agrikoltura rigward id-diversi talbiet sabiex is-siġar tal-Fikus tax-Xlendi jinżabru.
Il-Kunsill ippubblika erba' *tenders*.
It-tiżjin tal-Milied inġabar.

45.3.2 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li hu beda jiffirma ċ-*cheques* tal-Kunsill fl-assenza tas-Sindku. Huwa ma ffirmax il-paga tas-Sindku u l-*allowance* għax-xahar ta' Diċembru 2017. Huwa talab direzzjoni dwar dan mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**45.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

45.4.1 Is-Sur Damien Spiteri wera l-apprezzament tax-xogħol li qed isir mill-Kunsill u ġibed l-attenzjoni dwar tappiera miksura li hemm fuq il-bankina fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li din it-tappiera hija privata u għadu qed jiġi ttraċċjat is-sid sabiex jintalab isewwi.

Is-Sur Damien Spiteri qed jitlob li jsiru *double yellow lines* ma' kull kantuniera ta' daħla fin-niżla ta' Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi.
Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sur Damien Spiteri talab ukoll sabiex fil-Pjazza tal-Knisja jsir *speed limit* mal-art.
Kien hemm qbil dwar dan.

45.4.2 Is-Sur Paul Curmi talab *updates* dwar l-ilment fuq *mechanic* fi Triq Ta' Marżiena, sinjali fix-Xlendi u l-ħajt imwaqqa' fi Triq ix-Xatba. Huwa staqsa jekk ħajt fi Triq Ras il-Bajjada tranġax. Fuq dawn il-każijiet il-Kunsill kiteb iżda għad ma hemmx risposti.

Is-Sur Paul Curmi talab għal darba oħra sabiex isir ċint fil-passaġġ li sar mill-Kunsill f'Tal-Ponta għaliex huwa ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li meta dan sar mill-Kunsill, l-Awtorità tal-Ippjanar għamlet kundizzjoni fil-permess li t-triq ma titwessiex u ma jsirx ċint fit-tarf. Ġie deċiż li l-Kunsill jieħu lill-perit fil-post sabiex issir talba lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Sur Paul Curmi rrimarka li dwar il-proposta ta' demmiela, il-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Kunsilliera Sonja Abela li din ma hijiex ser issir iżda l-Kunsill ma għandu xejn bil-miktub. Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li din il-materja ser tkun fl-Aġenda tal-laqgħa li ser jagħmel mal-Ministru għal Għawdex.

**45.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

45.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-ġranet li għaddew sar *risk assessment* tal-uffiċċju tal-Kunsill mill-Inġinier Mario Galea. Xħin ikun lest ir-rapport, dan jgħaddi

mil-laqgħa tal-Kunsill sabiex jiġi attwat.

45.5.2 Is-sinjali biż-żebgħa mal-art fi Triq il-Munxar u Pjazza l-Anfori saru mill-ħaddiema mid-Dipartiment tar-Roads u ż-żebgħa ġiet provduta mill-Kunsill.

45.5.3 Id-Direttur Eco-Gozo talbet li ssir laqgħa sabiex jiġi diskuss il-proċess li huwa għaddej dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Is-Sur Paul Curmi talab li jkun preżenti f'din il-laqgħa.

45.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv talab laqgħa mas-Sur Frank Cassar li huwa l-Uffiċjal Inkarigat il-ġdid tal-Uffiċċju tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. F'din il-laqgħa ser tiġi diskussa l-possibbiltà ta' għajnuna mill-Uffiċċju tal-Kultura għall-attivitajiet li jsiru fis-sajf fix-Xlendi. Ġie ssuġġerit li anke tiġi diskussa l-possibbiltà ta' għajnuna għal xi attività li tista' ssir fil-Munxar bħal fi Ġnien Ragalna, Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina, il-Pjazza tal-Knisja u l-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957.

45.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li waslitlu informazzjoni li l-Green MT ser twaqqaf is-servizz ta' ġbir ta' skart separat. Huwa ċċekkja mal-kumpanija sabiex tikkonferma jekk Il-Munxar huwiex ser jiġi affettwat b'din id-deċiżjoni u r-risposta kienet li s-servizz fil-Munxar ser jibqa' l-istess.

45.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva r-risposta mingħand il-Perit Neil Felice għall-*e-mail* li kien bagħatlu rigward l-applikazzjoni fil-kwestjoni tal-kamra li hemm fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Is-Segretarju Eżekuttiv kien imqabbad mill-Kunsill sabiex jinfurmah illi jekk ma jirċevix *feedback* mingħandu, peress li l-Kunsill ilu ma jirċievi mingħandu mit-8 ta' Novembru 2017, kien ser jiġi kkunsidrat li m'għadux interessat li jagħti servizz lill-Kunsill. Il-perit informa lill-Kunsill li l-uffiċċju li kellu Għawdex jingħalaq u għalhekk l-applikazzjoni ntbagħtet bil-posta iżda jidher li l-Kunsill ma rċevijiex. Huwa qed jissuġġerixxi li l-proġett jingħata lil perit ieħor, aktar qrib tal-Kunsill, għax tagħmel aktar sens.
Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel laqgħa mad-diriġenti tal-Munxar Falcons FC sabiex tiġi diskussa l-vijabilità ta' dan il-proġett.

**45.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

45.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 1/2018 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva – Kors fil-Kitba bil-Malti (Livell 5 – MQF): Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti (*Certificate in Proofreading Maltese*)'.

45.6.2 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand *post-doctoral researcher,* Department of Clinical Pharmacology and Therapeutics, Faculty of Medicine and Surgery fl-Università ta' Malta rigward '*study on medication wastage*'. Hija qiegħda tipproponi illi waqt attività tal-Kunsill hija tkun tista' tqassam *questionnaires* u tagħmel xi intervisti li dawk preżenti u anke *presentation* ta' madwar 20 minuta. Hija tat aktar informazzjoni dwar dan ir-*research study* u talbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex dan ikun possibbli.

45.6.3 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta rigward '*Clamping and Towing*'. Il-Kunsill ġie infurmat illi mill-1 ta' Jannar 2018 Transport Malta nediet proġett ta' infurzar permezz ta' *clamping and towing* fuq vetturi bi pjanċi barranin li jkunu qegħdin ipparkjati f'postijiet pubbliċi b'mod illegali. Bi ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, dan il-proġett qed ikun estiż ukoll għall-Kunsilli Lokali b'xejn.

45.6.4 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Aġenda u l-Minuti tal-Laqgħa tas-Sindki tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2017 li saret fil-Grand Hotel, l-Imġarr, Għawdex.

45.6.5 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tal-Artijiet rigward 'Każijiet Pendenti mal-Awtorità tal-Artijiet'. Din l-awtorità qiegħda fil-proċess li taġġorna r-*records* tagħha fosthom il-każijiet pedenti li għandhom il-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, il-Kunsill ġie mitlub sabiex jaġġornahom fuq il-proċessi li għandu mal-awtorità billi jidħol fuq il-*link* tal-paġna uffiċjali tagħhom u jdaħħal l-informazzjoni meħtieġa fosthom *acknowledgement number*, dati ta' korrispondenzi u s-suġġett tal-każ. F'każ li l-Kunsill m'għandux *records,* dan għandu jiktbilhom il-każ u l-proprjetà in kwestjoni. Dan qed isir sabiex ma jkunx hemm iktar dewmien u kemm jista' jkun malajr jingħalqu ħafna mill-każijiet li ilhom għaddejjin.

Il-Kunsill ser jirrispondi billi jsemmi d-devoluzzjoni tat-Torri tax-Xlendi lill-Kunsill u l-kwestjoni tal-*basement/garage* tal-*plot* minn fejn jopera l-Kunsill.

45.6.6 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Ministeru għal Għawdex ritratti ta' diversi siġar tal-Fikus li hemm fil-*Parking* ta' Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi fejn juru li dawn għandhom bżonn żabra.
Il-Kunsill talab permess lill-ERA u hija rrispondiet illi hija ma ssibx oġġezzjoni għaż-żbir tal-friegħi li jinsabu fin-naħa ta' isfel tas-siġar, suġġett illi s-siġar ma jintmessux minn fuq u l-forma tagħhom ma tinbidilx. Il-Kunsill ikkuntattja lill-Uffiċjal Inkarigat mill-Afforestation, Parks and Public Gardens fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex isir ix-xogħol.

45.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Litter Act (Cap 2016). Il-Kunsill ġie infurmat illi l-Gvern dalwaqt ser jintroduċi emendi fil-*Littering Regulations,* fosthom waħda dwar penali aktar ħorox għal min ma joħroġx il-borża li suppost tinġabar dakinhar skont l-iskeda tal-Kunsill. Peress li l-emenda tinkludi l-iskeda ta' ġbir ta' skart ta' kull lokalità, il-Kunsill ġie mitlub jikkoreġi/jikkonferma din l-iskeda. F'każ ta' xi tibdil fl-iskeda, wara li dawn ir-regolamenti jiġu ppubblikati, il-Kunsill għandu jinforma lill-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima sabiex *Schedule* 3 tal-*Littering Regulations* tiġi emendata qabel dan it-tibdil jidħol fis-seħħ.
Għaldaqstant, il-Kunsill ser jistenna għal żviluppi li jista' jkun hemm.

45.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Case 40/2018. Huma qed iwasslu rapporti, inkluż ritratti, li jikkonċernaw il-lokalità tagħna u *issues* li trid tittieħed azzjoni dwarhom mill-Kunsill.
Rigward il-fanali miksura li hemm fil-*Parking* ta' Pjazza l-Anfori fix-Xlendi, il-Kunsill ser jirrispondi lid-Dipartiment billi jinfurmah li dawk il-fanali kienu ġew installati xi snin ilu u għal xi żmien kienet issir manutenzjoni tagħhom mill-Ministeru għal Għawdex. Għalkemm dawn il-fanali huma miksura, il-post huwa mdawwal minħabba li l-Kunsill diġà ħaseb u installa *floodlights.* Peress li daqt ser isir il-*Master Plan* għax-Xlendi, il-Kunsill iħoss li ma hemmx il-ħtieġa li dawn jitranġaw u ser jitlob sabiex dawn il-fanali jinqalgħu mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.
Rigward it-tabella li ma hijiex ċara fi Triq iż-Żirżieb, din ser tinbidel.

45.6.9 Il-Kunsill irċieva ittra flimkien mad-*draft deed* mingħand l-Awtorità tad-Djar, b'referenza għall-ittra li kienu bagħtu fl-20 ta' Novembru 2006, rigward il-kuntratt tal-kiri tal-*plot* tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill minħabba li dan il-kuntratt tal-kera (€2,445.84 kull sena, mill-1 ta' Lulju 2004) għadu ma sarx. Il-Kunsill intalab jieħu azzjoni ħalli l-kuntratt isir fi żmien xahar.
Il-Kunsill ser jinformahom illi huwa lest li jiffirma l-kuntratt tal-kiri iżda jrid li jkun jinkludi l-binja kollha, jiġifieri, inkluż il-*basement* li bħalissa jinsab f'idejn il-Pulizija.

45.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Intervention Team, Office of the Permanent Secretary, Ministeru għal Għawdex rigward 'PT74 Il-Munxar P/C'. Huma bagħtu ritratti li ttieħdu fl-4 ta' Jannar 2018 u elenkaw diversi xogħlijiet ta' tindif u tiswija fil-latrina ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.
Dawn ġew mgħoddija lill-*attendant* li jieħu ħsieb din il-latrina u ttieħdu l-passi neċessarji.

45.6.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Care Malta Ltd rigward in-'Nazzareno Vassallo Award for Initiatives in Elder Care'. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jagħmel in-nomini tiegħu għat-18-il edizzjoni ta' dan l-*award*.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

45.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Council for the Voluntery Sector (MCVS) rigward l-inizjattiva ta' laqgħat ġewwa l-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex għall-Għaqdiet Volontarji li ser jibdew mill-5 ta' Marzu 2018. Mehmuż bagħtu ittra ta' invitazzjoni fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex flimkien magħhom tiġi organizzata laqgħa ta' informazzjoni għal dawn l-għaqdiet fejn jiġu diskussi s-servizzi li joffri l-Kunsill u jkollna l-opportunità li nisimgħu l-vuċi u d-diffikultajiet tagħhom.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

45.6.13 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 3/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*procurement)* mill-Kunsilli Lokali'. Din d-direttiva tagħti informazzjoni dwar l-għan tad-direttiva u tittratta l-Emendi li jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2018, Regolamenti li ma jibqgħux fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2018, Sapport mid-Dipartiment, Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S. 363.186) u Azzjoni Meħtieġa.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

45.6.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar rigward PA/06440/17 għal żvilupp fi Triq Ras il-Bajjada. Il-Kunsill ġie infurmat illi ġie intavolat appell (appell numru 00014/18) lil dan it-Tribunal. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi, bħala konsulent estern, jista' jattendi u jkun parti fil-kors ta' smigħ ta' dan l-appell.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

45.6.15 Il-Kunsill irċieva lment u ritratti mingħand resident fix-Xlendi rigward *issues* relatati ma' ġbir ta' skart domestiku, il-wiċċ tat-triq li għandu bżonn kisja u jingħata isem lil din it-triq li tinsab bejn Triq il-Kavallieri u Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi. Ir-residenti qed joħorġu l-boroż taż-żibel tagħhom fi Triq il-Qsajjem, filwaqt li l-bosta viżitaturi fil-*holiday accommodations* qed iħallu l-boroż tagħhom f'diversi partijiet tat-triq u jibqgħu hemm għal diversi jiem. Fiż-żewġ każijiet il-boroż jitqattgħu mill-karozzi u annimali u jħammġu l-post. Huwa semma wkoll dwar il-kundizzjoni ta' din it-triq minħabba li qiegħda fi stat diżastruż u meta tagħmel ix-xita tifforma għadira kbira li tkun diffiċli taqsam minn naħa għal oħra tat-triq bla ma tixxarrab. Għaldaqstant, qed jitlob sabiex jingħata isem lit-triq li għadha mingħajr isem sabiex tiġi rikonoxxuta uffiċjalment u tgawdi mis-servizzi u manutenzjoni bħal toroq oħra.
Il-Kunsill ser jibda l-proċedura sabiex it-triq tissemma u ser jgħaddi l-każ lill-perit tal-Kunsill biex jinbeda l-proċess ta' asfaltar ta' din it-triq li ser issir mill-Gvern Ċentrali.

45.6.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident mix-Xlendi rigward il-ġbir ta' skart domestiku. Huwa qed jilmenta li kien hemm drabi li l-ġbir sar qabel il-ħin skedat u oħrajn li ma nġabarx skart. Huwa rrakkonta li ħareġ il-borża l-bajda kif suppost u ma nġabrux u għaldaqstant battalhom f'boroż suwed sabiex jinġabru l-għada.
Il-Kuntrattur ġie mwissi dwar dan l-ilment.

**45.7 Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Assistent Uffiċjal Prinċipali**

45.7.1 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali. Il-Viċi Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali tingħata *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**45.8 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2018 u *Quarterly Reports* 2017**

45.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2018. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2018 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi se tkun ta' €255,270. Dan ifisser li ser ikun hemm żieda ta' €10,408 mill-allokazzjoni tas-sena 2017. Dawn l-estimi ġew ippreżentati fil-laqgħat tal-lokalità.
Il-Kunsill approva dawn l-estimi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta wkoll ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Tliet Xhur) tal-ewwel kwart Jannar/Marzu, tat-tieni kwart Jannar/Ġunju u tat-tielet kwart Jannar/Settembru tas-sena finanzjarja 2017.

**45.9 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2018**

45.9.1 Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 4 ta' Jannar 2018 fl-4 ta' filgħaxija. Għal din il-laqgħa kienu mistednin il-membri kollha tal-Kunsill, iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u l-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar.

Preżenti kien hemm is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku. Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3) kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Sindku li kienet skużata minħabba li ma tiflaħx, is-Sur Paul Curmi - Kunsillier li kien skużat minħabba li ma jiflaħx u s-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier li kienet skużata minħabba impenji ta' xogħol. Assenti kien hemm is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier. Uffiċjal Preżenti kien hemm is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.
Pubbliku preżenti kien hemm persuna waħda (1).

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

Bħala rendikont tar-Rapport tax-Xogħlijiet li saru mill-Kunsill matul l-2017, il-Viċi Sindku spjega kif is-sena 2017 kienet sena diffiċli minħabba li s-Sindku mardet f'nofs is-sena u bħalissa qed imexxi hu fl-assenza tagħha.

Bħala *Budget* għas-sena 2018 u l-Pjanijiet tal-Proġetti, il-Viċi Sindku spjega kif ser ikun imqassam dan il-*budget.* Huwa informa lil dawk preżenti li bħala proġetti hemm ippjanat li jitranġaw ix-*shelters* tal-Pjazza tal-Knisja, jiġi restawrat it-Torri tax-Xlendi u jitħawlu siġar fil-*pots* tax-Xlendi.

Bħala suġġerimenti, ilmenti u kumplimenti mill-pubbliku preżenti, il-persuna mill-pubbliku preżenti lmentat dwar ċint ta' filata li waqa' 'l isfel fi Triq Ras Il-Bajjada. Hija tixtieq li l-Kunsill jibnih.
Hija ssuġġeriet li l-Kunsill jorganizza aktar ħarġiet, speċjalment għal Malta.
Hija tixtieq li ssir *bus shelter* għall-*bus stop* ta' quddiem id-dar tagħha fi Triq il-Kalkara tal-Ġir.

Il-Minuti ta' din il-laqgħa ġew iffirmati.

**45.10 Twaħħil ta' *Bus Shelter* quddiem Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina**

45.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Transport Malta kienu approvaw li jwaħħlu l-*bus shelter* ta' quddiem Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina xi snin ilu. Il-problema nqalgħet meta Transport Malta ħarġu proposta għal disinn u stallazzjoni ta' *bus shelters* iżda meta l-offerta ngħatat, kien hemm appell u kollox waqaf. Dan l-aħħar id-Dipartiment tal-Kuntratti ta l-approvazzjoni sabiex il-proċess jitkompla u l-kuntratt se jiġi ffirmat dalwaqt. Ġie kkonfermat li l-*bus shelter* tal-Munxar ser tkun mill-ewwel *lot* li se jitwaħħlu. Huwa ppjanat li sal-aħħar tas-sena 2018, din il-*bus shelter* tkun imwaħħla.

**45.11 Karnival fil-Munxar 2018**

45.11.1 Din is-sena l-Karnival fil-Munxar ser isir is-Sibt, 10 ta' Frar 2018 f'nofsinhar fil-Pjazza tal-Knisja. Din is-serata ser tkun ippreżentata mis-Sur Alvin Scicluna u ser ikun hemm danza mill-grupp Artemocion Dance & Leisure Studio ta' Leon Promotions għall-prezz ta' €235, danza tat-tfal u danza tal-kbar mill-grupp ta' Annette Portelli Said għall-prezz ta' €300, maskaruni grotteski mill-grupp Drew & Co. ta' Andrew Portelli għall-prezz ta' €50 kull wieħed, danza mill-grupp tas-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija taż-Żebbuġ għall-prezz ta' €150, danza mill-grupp 3RIO Gozitan Dance Company ta' Christian Sacco għall-prezz ta' €250, danza mill-grupp Calypso Dancing Stars għall-prezz ta' €150, karru mis-Sezzjoni A u danza minn Labonski Carnival Company għall-prezz ta' €500 u danza mill-grupp ta' Marita Caruana għall-prezz ta' €350. Is-*sound* ser ikun ipprovdut minn Prostage Sound u dawl ser nieħdu mill-Knisja. Ser jintalab servizz ta' tliet *security guards* sabiex jikkontrollaw it-traffiku u jieħdu ħsieb in-nies jaqsmu l-*main road* għal waqt is-serata.

**45.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

45.12.1 Ma kienx hemm rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv minħabba li ma kienet saret l-ebda laqgħa.

**45.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

45.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 45-2018(23_01_18) li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sat-18 ta' Jannar 2018 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Paul Curmi – Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Damien Spiteri – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**45.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

45.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.50 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 6 ta' Marzu, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Robert Mallia<br>Viċi Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |